26 ta' April, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Salvatore Cini *versus* Giuseppa Cini.

**Alimenti — Mara — Tfal — Kuratriċi "Ad Litem".**

*L-omm mifruda mir-raġel ma għandhiex għalfejn tiġi nominata kuratriċi "ad litem" ta' wliedha minorenni sabiex hija titlob kontra żewġha l-alimenti għal dawk it-tfal minuri; imma tista' tfittex għal dawk l-alimenti tagħhom b'isimha biss.*

*Kif il-mara mifruda mir-raġel tista' taġixxi kontra żewġha għall-alimenti, għaliha u għal uliedha, f'isimha biss, ma hemmx raġuni għaliex, jekk għal xi raġuni tajba r-raġel,* ***kundannat biex jissom-***

*ministra dawk l-alimenti, jitlob li dawk l-alimenti, in kwantu akkordati lill-ulied minuri, jiġu mnaqqsa jew imneħħija, hemm bżonn li ku jintenta l-azzjoni relativa kontra martu f'isem dawk it-tfal.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi b'sentenza mogħtija fil-kawża msemmija fuq huwa ġie kundannat iħallas lill-konvenuta retta alimentarja għaliha u għal uliedha Inez, Angiolina, Margaret, George u Carmelo, ta' 18s. fil-ġimgħa bil-quddiem; liema reta ġiet awmentata għal £1. 12. 6 fil-ġimgħa b'sentenza oħra fil-kawża nru. 502/43 fl-ismijiet "Giuseppa Cini vs. Salvatore Cini", deċiża fid-9 ta' Ġunju 1943; u illi b'sentenza oħra mogħtija fil-kawża nru. 435/47 fl-ismijiet "Giuseppa Cini vs. Salvatore Cini", deċiża fl-20 ta' Ġunju 1947, huwa ġie kundannat, oltre r-reta alimentarja msemmija, jikkorrispondi lill-konvenuta Giuseppa Cini 10s. fil-ġimgħa akkont ta' arretrati ta' l-imsemmija pensjoni alimentarja, b'kollox £2. 2. 6 fil-ġimgħa; u illi b'sentenza mogħtija fil-kawża nru. 463/48 fl-ismijiet "Salvatore Cini vs. Giuseppa Cini", deċiża fit-23 ta' Ġunju 1948, ir-retta alimentarja ta' £1. 12. 6 ġiet ridotta għal £1. 7. 6, billi tnejn mit-tfal tal-kontendenti laħqu l-maġġorità; u illi fil-kawża nru. 277/50 fl-ismijiet "Giuseppa Cini vs. Salvatore Cini", deċiża fis-27 ta' Ġunju 1950, ir-retta alimentarja ġiet darb'oħra awmentata għal £1. 15. 0 għall-imsemmija konvenuta u għat-tfal tagħha minuri Angiolina, Carmelina, Margherita u Carmelo, salv il-pagament tal-10s. fil-ġimgħa fuq imsemmija; u illi l-lum it-tfal minuri Angiolina, li twieldet fis-16 ta' Lulju 1932, u Carmelina, li twieldet fis-16 ta' Lulju 1943, saru wkoll maġġjorenni (dok. A u B), u l-imsemmija Angiolina tinsab taħdem u Carmelina miżżewġa lil Gaetano Grech; u barra dan, u mingħajr preġudizzju, huwa sofra deterjorament fl-istat finanzjarju tiegħu, billi naqaslu x-xogħol, u l-istat finanzjarju tal-konvenuta immiljora, u, oltre li qiegħda tinkassa l-kera tal-fondi nru. 65/67 Assumption Street, Qormi Road, Marsa, kienet in trattativi sabiex takkwista fond ieħor, u qiegħda wkoll tislef xi flus; talab illi,

premessi id-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, *tiġi ridotta, f'dik il-miżura illi din il-Qorti jogħġobha* tistabbilixxi, l-imsemmija pensjoni alimentarja ta' £1. 15s. fil-ġimgħa, kif fis-sata fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Giuseppa Cini vs. Salvatore Cini" deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju 1950, billi tnejn mill-ulied benefikati saru maġġorenni, ċjoè *Carmelina* u Angiolina, u għandhom ekonomija separata, u billi, fil-waqt li l-istat finanzjarju tiegħu ddeterjorat dak tal-konvenuta mmiljora, okkorrendo b'konsiderazzjoni *tal-pagament ta'* 10s. fil-ġimgħa mħallsin minnu lill-konvenuta akkont ta' l-arretrati. Bl-ispejjeż. Il-konvenuta ġiet imħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta talliga illi, ladarba r-retta alimentarja li l-attur qiegħed jitlob illi tiġi mnaqqsa jew imneħħija kienet ġiet mogħtija mill-Qorti mhux biss għar-rigward tagħha imma *wkoll għar-rigward ta'* wliedha minuri, hija kien messha ġiet imħarrka wkoll għan-nom ta' l-istess uliedha minorenni li tagħhom dik ir-retta alimentarja huwa qiegħed jitlob illi tiġi mnaqqsa jew imneħħija;

Illi, biex otteniet l-alimenti għal uliedha Carmelina u Angiolina, *il-konvenuta* kienet aġiet kontra l-attur anki f'isem dawk it-tfal; imma dan hija ma kellhiex għalfejn tagħmlu, għaliex, biex titlob l-alimenti għal uliedha minuri, l-omm *mifruda mir-raġel* — bħal ma kienet u għadha l-konvenuta — ma għandhiex għalfejn tiġi nominata kuratriċi tagħhom; mhux biss, imma hija tista' wkoll tfittex għall-alimenti tagħhom b'isimha nnifisha biss (Vol. XXIX—II—428);

Illi għalhekk, kif il-mara mifruda mir-raġel tista' taġixxi kontra *żewġha* għall-alimenti, għaliha u għal uliedha, f'isimha biss, ma hemmx raġuni għaliex, jekk għal xi raġuni leġittima r-raġel kundannat biex jissomministra dawk l-alimenti *jitlob illi dawk* l-alimenti, in kwanto akkordati lil uliedu minuri, jiġu mnaqqsa jew imneħħija, hemm bżonn illi huwa jintenta l-azzjoni *relativa* kontra martu f'isem dawk it-tfal. Il-kundanna f'dawn il-każi tkun, kif kienet kontra l-l-attur, li l-missier iħallas lil ommi l-alimenti għat-tfal mi-

nuri, u "mhux lill-istess tfal minuri"; u kwindi t-talba tar-raġel għaċ-ċessazzjoni jew riduzzjoni ta' dawk l-alimenti biż-żejjed li tkun fis-sens li huwa ma jkomplix jagħti "lil martu" dawk l-alimenti li huwa kien qiegħed jagħtiha "biex hija tgħaddihom jew tonfoqhom" għal dawk it-tfal;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha; u tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tat-2 ta' Ġunju 1954, għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu.